

Domandi preliminari

- 1) Il-kunċett ta' "fornitur ta' servizz lil kumpannija" li jinsab fl-Artikolu [3](7)(c) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jagħmel riferiment għal servizz differenti li ma jirriżultax minn tranżazzjoni li tikkonsisti fil-kiri ta' proprjetajiet immobbli li wieħed ikun il-proprjetarju tagħhom jew li ma huwiex marbut ma' tali tranżazzjoni, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk is-[sid tal-ker] tax il-kunsens tiegħu jew le sabiex il-kerrej jirreġistra l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fil-proprjetà immobbli mikrija u jwettaq tranżazzjonijiet hemmhekk?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, il-kunċett ta' "fornitur ta' servizz lil kumpannija" li jinsab fl-Artikolu [3](7)(c) tad-Direttiva 2015/849, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-kiri ta' proprjetà immobbli jsir minn persuna fiżika, din tal-aħħar għandha tkun suġġetta għall-istess rekwiżiti bħal dawk imposti fuq persuna ġuridika jew fuq struttura legali, indipendentement miċ-ċirkustanzi fattwali bħan-numru ta' proprjetajiet immobbli li l-imsemmija persuna fiżika għandha u tikri, mill-fatt li l-kiri tal-proprjetà immobbli ma jkunx relatat mal-attività kummerċjali, jew minn ċirkustanzi oħra?

⁽¹⁾ ĠU 2015, L 141, p. 73.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fis-26 ta' Jannar 2023 – AV, BT, CV, DW vs Ministero della Giustizia

(Kawża C-41/23, Peġli⁽¹⁾)

(2023/C 127/24)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AV, BT, CV, DW.

Konvenut: Ministero della Giustizia

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol⁽²⁾ u l-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien determinat għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, għall-giudici onorari (Imħallfini onorarji) tal-qrati u għall-vice procuratori onorari (Viċi-Prosekuturi onorarji) tar-Repubblika, ma tipprevedi ebda dritt għal kumpens matul il-perijodu tal-vaganzi ta' sospensjoni tal-attivitàjiet u għaż-żamma tas-sigurtà soċjali u tal-assigurazzjoni obbligatorja kontra l-inċidenti u l-mard ikaġunat mix-xogħol?
- 2) Il-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien determinat għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha r-relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat tal-giudici onorari, li tikklassifika bħala relazzjoni ta' servizz u mhux bħala relazzjoni ta' impjeg ma' amministrazzjoni pubblika, li għaliha tkun prevista sistema bbażata fuq att inizjali ta' ħatra u fuq konferma mill-ġdid suċċessiva waħda biss, tista' ssir is-suġġett ta' estensjonijiet varji stabbiliti minn liġijiet ta' livell statali, fl-assenza ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi u fin-nuqqas tal-possibbiltà li tali relazzjonijiet jinbidlu f'kuntratti ta' impjeg ma' amministrazzjoni pubblika għal żmien indeterminat, f'sitwazzjoni li setgħet toħloq effetti ta' kumpens favorevoli fl-isfera legali tad-destinatarij, peress li kienu ngħataw, huma stess, estensjoni fil-funzjoni tagħhom b'mod sostanzjalment awtomatiku għal perijodu ta' żmien ulterjuri?

⁽¹⁾ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381